Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0544(CNS)

14.4.2026

EMENDI
465 - 618

Abbozz ta' rapport
René Repasi
(PE781.461v01-00)

L-istabbiliment tal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni skont dak il-Programm, u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2021/764

Proposta għal deċiżjoni
(COM(2025)0544 – 2025/0544(CNS))

Emenda 465
René Repasi

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Pjan Settorjali għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi
	1. Il-Pjan Settorjali għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi għandu jiġi stabbilit bħala modalità speċifika għall-implimentazzjoni tar-riċerka kollaborattiva u tal-attivitajiet ta' innovazzjoni skont il-parti tas-"Soċjetà" (il-"Pjan Settorjali għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi" (SSH, Social Sciences and Humanities). Skont il-Pjan Settorjali, għadd rappreżentattiv ta' istituzzjonijiet tar-riċerka mis-settur tal-SSH għandhom jiżviluppaw b'mod konġunt pjan settorjali għal perjodu ta' 7 snin billi jiddefinixxu u jipproponu tema ta' fokus tar-riċerka u portafoll ta' proġetti ta' riċerka rilevanti għas-settur tal-SSH. It-tema ta' fokus tar-riċerka għandha tavvanza s-settur tal-SSH kollu kemm hu.
	Mingħajr preġudizzju għall-kompiti tiegħu skont l-Artikolu 7 u sabiex tiġi żgurata eċċellenza tal-Pjan Settorjali tal-SSH, il-Kunsill Xjentifiku tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council) għandu l-kompitu li jagħżel l-istituzzjonijiet ta' riċerka li huma rappreżentattivi għas-settur, u li jivvaluta, japprova u jevalwa t-tema ta' fokus tar-riċerka u l-proġetti ta' riċerka.
	2. Il-Pjan Settorjali tal-SSH għandu jiġi implimentat permezz tal-programm ta' ħidma rilevanti, b'pakkett baġitarju indikattiv, filwaqt li l-allokazzjoni dettaljata tal-finanzjament għandha ssegwi l-Pjan Settorjali approvat.

3. Wara sejħa miftuħa stabbilita fil-programm ta' ħidma, għadd rappreżentattiv ta' istituzzjonijiet ta' riċerka għandhom b'mod konġunt:

(a) jipproponu tema ta' fokus tar-riċerka settorjali;

(b) jiżviluppaw portafoll ta' proġetti ta' riċerka konkreti biex jimplimentaw it-tema ta' fokus tar-riċerka;

(c) jissottomettu pjan ta' nfiq indikattiv korrispondenti.

3. Il-Pjan Settorjali, it-tema ta' fokus tar-riċerka u l-proġetti ta' riċerka għandhom jiġu vvalutati, approvati u evalwati fuq il-kriterju uniku tal-eċċellenza minn bord ta' esperti dedikat skont l-awtorità tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC u f'konformità mas-sistema ta' rieżami bejn il-pari msemmija fl-Artikolu 7(9)(b)(i). Mal-approvazzjoni tal-Pjan Settorjali, it-tema ta' fokus tar-riċerka u l-proġetti ta' riċerka, il-baġit allokat minn qabel għall-Pjan Settorjali tal-SSH għandu jiġi żborżat lill-istituzzjonijiet ta' riċerka parteċipanti. L-implimentazzjoni tal-Pjan Settorjali u tal-proġetti ta' riċerka għandha tiġi evalwata f'nofs it-terminu u fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Pjan Settorjali tal-SSH mill-bord ta' esperti ddedikat. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-valutazzjoni tal-Kunsill Xjentifiku tal-ERC meta timplimenta l-Pjan Settorjali tal-SSH.

4. L-implimentazzjoni tal-Pjan Settorjali tal-SSH għandha:

(a) tavvanza s-settur tal-SSH b'mod ġenerali, ibbażat esklużivament fuq l-eċċellenza xjentifika tar-riċerka mwettqa mill-istituzzjonijiet ta' riċerka parteċipanti;

(b) twassal għal speċjalizzazzjoni u kollaborazzjoni speċifiċi għas-settur;

(c) tippromwovi l-kooperazzjoni interdixxiplinari u interistituzzjonali.

Or. en

Emenda 466
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11a
	Tieqa tal-Kompetittività I "Infrastruttura tal-Enerġija; Id-Dekarbonizzazzjoni Industrijali u t-Teknoloġija Nadifa"
	1. Attivitajiet skont it-Tieqa msemmija fl-Artikolu 4(1)b(i) tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jappoġġaw ir-riċerka kollaborattiva fil-linji ġenerali li ġejjin:
	a. l-iżvilupp, l-integrazzjoni, ir-reżiljenza, il-protezzjoni, is-sigurtà u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastrutturi u s-sistemi tal-enerġija;
	b. id-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tal-enerġija, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u nadifa, l-iżvilupp tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija;
	c. id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija Ewropea f'approċċ newtrali għat-teknoloġija, inklużi l-SMEs u l-industriji intensivi fl-enerġija;
	d. il-manifattura ta' teknoloġija nadifa u l-ktajjen ta' provvista tagħha.
	2. Dawn il-linji ġenerali jistgħu jinkludu azzjonijiet relatati ma':
	a. Teknoloġiji Innovattivi b'Emissjonijiet Żero Netti kif definit fl-Artikolu 3(12) tal-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti]
	b. id-dekarbonizzazzjoni, id-

diġitalizzazzjoni, id-deċentralizzazzjoni u t-trasformazzjoni nadifa tas-sistema tal-enerġija Ewropea, bil-għan li tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi biex jadattaw għal rekwiżiti ġodda tas-sistema;

c. l-innovazzjoni fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, inkluż permezz ta' teknoloġiji ta' fużjoni nukleari, kif ukoll ġestjoni flessibbli akbar tal-ġenerazzjoni, tad-domanda u tal-flussi;

d. it-teknoloġiji ġodda tat-trażmissjoni/tad-distribuzzjoni tal-enerġija inklużi kommutaturi u kejbils, teknoloġiji tal-ġestjoni tas-sistema, teknoloġiji tal-ġenerazzjoni tal-elettriku innovattivi;

e. il-kisba tal-miri tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, id-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tat-trasport bit-triq, bl-avjazzjoni u marittimu, kif ukoll tal-binjiet;

f. l-attivitajiet biex tinkiseb il-mira tan-newtralità klimatika tal-Unjoni, b'mod partikolari teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-appoġġ għat-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari;

g. il-qbid tal-karbonju, inkluż minn sorsi lokalizzati, mill-arja u mill-bijomassa, u l-ħżin tal-karbonju inkluż il-ħżin ġeoloġiku permanenti u lil hinn minnu;

h. it-teknoloġiji tal-idroġenu, inklużi l-produzzjoni permezz tal-elettroliżi, il-ħżin, it-trasport u l-applikazzjoni tal-użu finali, kif ukoll fjuwils nodfa oħra;

i. it-teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija avvanzati, inklużi batteriji tal-ġenerazzjoni li jmiss u soluzzjonijiet tal-ħżin fit-tul.

3. Il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET, Strategic Energy Technology) kif minqux fl-[Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti], u b'mod partikolari l-Programmi Konġunti żviluppati skont l-Alleanza Ewropea għar-

Riċerka dwar l-Enerġija, għandhom jinfurmaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-linji ġenerali.

Or. en

Emenda 467
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11b
	Tieqa tal-Kompetittività II "Saħħa, Bijoteknoloġija u Prosperità Sostenibbli"
	1. Attivitajiet skont it-Tieqa msemmija fl-Artikolu 4(1)b(ia) tar-[Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jappoġġaw ir-riċerka kollaborattiva fil-linji ġenerali li ġejjin:
	a. it-trawwim tal-kompetittività u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa, u t-tisħiħ tal-innovazzjoni u r-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa;
	b. l-iżvilupp, il-varar u l-produzzjoni u l-adozzjoni skalabbli ta' innovazzjonijiet, prodotti u proċessi tal-bijoteknoloġija u tal-bijomanifattura transsettorjali;
	c. it-trawwim ta' bijoekonomija innovattiva u kompetittiva fl-Unjoni, inkluż permezz tal-iżvilupp u tal-produzzjoni skalabbli ta' innovazzjonijiet tal-bijoekonomija;
	d. it-trawwim tal-kompetittività teknoloġika tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura u s-setturi tal-forestrija u ż-żoni rurali u kostali permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji avvanzati;
	e. tisħiħ tal-mobbiltà intelliġenti, tisħiħ tal-ekonomija blu sostenibbli u l-iżvilupp ta' mudelli kummerċjali innovattivi

bbażati fuq in-natura;

f. il-kontribut għall-bidla lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, fl-ilma u fir-riżorsi, newtrali għall-klima u reżiljenti;

g. l-appoġġ għal industriji kulturali u kreattivi, inkluż mill-inqas EUR 300 miljun biex jiġi appoġġat il-Cloud Kollaborattiv Ewropew għall-Wirt Kulturali.

2. Dawn il-linji ġenerali jistgħu jinkludu azzjonijiet relatati ma'

a. l-indirizzar ta' ħtiġijiet tas-saħħa tas-soċjetà, inklużi kuri u trattamenti għal mard rari kif ukoll għall-kanċer u d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa Ewropej

b. l-iżvilupp ta' spazji tad-data tas-saħħa interoperabbli, dijanjostika xprunata mill-IA u infrastrutturi tas-saħħa diġitali

c. l-iżvilupp ta' newroteknoloġiji, inklużi interfaċċi bejn il-moħħ u l-kompjuter, in-newrostimulazzjoni, in-newromonitoraġġ u n-newroprostetika konjittiva

d. l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tas-saħħa u farmaċewtiċi innovattivi biex jagħtu spinta lill-kompetittività tal-industrija farmaċewtika Ewropea

e. l-appoġġ ta' provi kliniċi pan-Ewropej

f. l-iżvilupp u l-manifattura ta' materjali avvanzati relatati mal-ambitu ta' din it-tieqa, inklużi metamaterjali u bijomaterjali

g. l-iżvilupp ta' sustanzi kimiċi u teknoloġiji tas-sustanzi kimiċi avvanzati, inklużi t-teknoloġiji tal-proċess, l-inġinerija tar-reattur u t-teknoloġiji analitiċi

h. l-iżvilupp u l-manifattura ta' bijoteknoloġiji, inklużi teknoloġiji bijomolekolari u taċ-ċelloli (sintetiċi), bijosistemi u organojdi, bijomanifattura u bijoproċessar, kif ukoll bijoinformatika

i. l-iżvilupp ta' prodotti, materjali u ktajjen tal-valur b'bażi bijoloġika li jikkontribwixxu għal bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari

j. l-iżvilupp ta' biedja ta' preċiżjoni, teknoloġiji tal-akkwakultura u tas-sajd sostenibbli, sistemi ta' ġestjoni tal-foresti avvanzati u teknoloġiji tal-ipproċessar u tal-preżervazzjoni tal-ikel innovattivi

k. l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-mobbiltà intelliġenti, konnessi u awtonomi, inklużi għal żoni rurali u remoti

l. l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi għall-esplorazzjoni, il-monitoraġġ u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-oċean, tal-baħar u tal-ilmijiet interni

m. l-iżvilupp u l-espansjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u mudelli kummerċjali ta' servizz tal-ekosistema

n. l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-ekonomija ċirkolari, inklużi proċessi avvanzati tar-riċiklaġġ, tal-użu mill-ġdid u tar-rimanifattura, kif ukoll proċessi industrijali effiċjenti fir-riżorsi u effiċjenti fl-ilma

o. l-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

p. il-prattiki ta' riċerka artistika u tad-disinn normalment użati fl-industriji kulturali u kreattivi

Or. en

Emenda 468
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 11c

Tieqa tal-Kompetittività III "Infrastruttura Diġitali u Tmexxija Diġitali Aġli"

1. Attivitajiet skont it-Tieqa msemmija fl-Artikolu 4(1)b(ib) tar-[Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jappoġġaw ir-riċerka kollaborattiva fil-linji ġenerali li ġejjin:

a. il-kontribut għall-konnessjoni tan-negozji, iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni tal-Unjoni permezz ta' infrastruttura fiżika u diġitali fil-qasam diġitali;

b. il-kontribut għall-ħolqien ta' ambjent ta' infrastrutturi tat-teknoloġija biex in-negozji tal-Unjoni jikbru u jespandu t-teknoloġiji u l-argumenti għall-vijabbiltà;

c. il-kontribut għall-kisba tas-sovranità teknoloġika billi jinbnew infrastrutturi diġitali reżiljenti u jiġi żgurat livell għoli ta' ċibersigurtà fl-Unjoni;

d. il-kontribut għall-ħolqien u t-tishiħ ta' amministrazzjoni pubblika diġitali interoperabbli, inkluż it-trawwim tal-adozzjoni tal-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali u s-servizzi fiduċjarji u l-Kartieri Ewropej tan-Negozju;

e. il-kontribut għall-bini ta' ekosistemi diġitali kompetittivi billi jiġu appoġġati l-ktajjen tal-valur u tal-provvista kollha tat-teknoloġiji diġitali;

2. Dawn il-linji ġenerali jistgħu jinkludu azzjonijiet relatati ma':

a. teknoloġiji kwantistiċi, inkluż il-computing kwantistiku, il-komunikazzjoni kwantistika, ir-rilevament kwantistiku u s-simulazzjoni kwantistika

b. fotonika, sistemi ottiċi u fotonika integrata

c. ċibersigurtà, inkluża kollaborazzjoni miftuħa għal network ta' kompetenza taċ-ċibersigurtà Ewropew u ċentru tal-kompetenza, teknoloġiji fil-katina tal-valur diġitali kollha, minn komponenti

siguri u kriptografija postkwantistika għal software awtoriparatorju u networks, kif ukoll teknoloġiji, metodi, standards u l-aqwa prattiki biex jiġi indirizzat theddid taċ-ċibersigurtà, jiġu antiċipati ħtiġijiet futuri u tinżamm industrija Ewropea kompetittiva

d. teknoloġiji ta' konnettività avvanzati, inklużi networks tal-ġenerazzjoni li jmiss, sistemi ta' komunikazzjoni bis-satellita u infrastruttura diġitali sigura għal interkonnessjoni transfruntiera

e. teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali, inklużi mudelli bażi, IA edge, sistemi tal-IA affidabbli u spjegabbli u awtomatizzazzjoni abilitata bl-IA

f. computing ta' prestazzjoni għolja, teknoloġiji tal-cloud u l-edge computing, u infrastrutturi tal-ipproċessar tad-data

g. teknoloġiji tas-semikondutturi u tal-mikroelettronika, inklużi proċessi ta' disinn, imballaġġ u manifattura avvanzati taċ-ċipep

h. teknoloġiji tat-tewmi diġitali, ambjenti ta' simulazzjoni u pjattaformi ta' virtwalizzazzjoni li jippermettu lin-negozji jiżviluppaw, jittestjaw u jespandu t-teknoloġiji

i. teknoloġiji għal servizzi pubbliċi diġitali interoperabbli, inklużi l-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali, il-Kartieri Ewropej tan-Negozju, is-servizzi fiduċjarji u infrastruttura tal-gvern diġitali transfruntiera

j. Internet tal-Oġġetti, robotika, sistemi awtonomi — inklużi droni u vetturi mingħajr bdot — u teknoloġiji tal-manifattura diġitali avvanzati, inkluża l-manifattura addittiva

k. teknoloġiji tal-inġinerija tas-software, inklużi teknoloġiji b'sors miftuħ u teknoloġiji ta' reġistru distribwit

l. teknoloġiji ta' telerilevament, inkluż telerilevament elettro-ottiku, bir-radar, kimiku, bijoloġiku u tar-radjazzjoni, kif

ukoll networks ta' sensuri distribwiti

Or. en

Emenda 469
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11d
	Tieqa tal-Kompetittività IV "Materja Prima Kritika, Sigurtà u Spazju"
	1. Attivitajiet skont it-Tieqa msemmija fl-Artikolu 4(1)b(ic) tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jappoġġaw ir-riċerka kollaborattiva fil-linji ġenerali li ġejjin:
	(a) it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-Ewropa billi tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni fl-esplorazzjoni, fl-estrazzjoni, fl-ipproċessar u fir-riċiklaġġ ta' materja prima kritika u d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista u tas-swieq, u t-titjib tad-disponibbiltà f'waqtha kif ukoll tal-iżvilupp ta' alternattivi għal tali materjali;
	(b) l-iżvilupp, iż-żamma u t-tħaddim ta' sistemi tal-ispazju, il-forniment ta' informazzjoni, data u servizzi mill-aktar avvanzati bbażati fl-ispazju li jappoġġaw il-politiki tal-Unjoni;
	(c) il-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-attivitajiet ibbażati fl-ispazju, b'mod partikolari billi jitrawwem l-iżvilupp ta' ekonomija spazjali tal-Unjoni innovattiva u kompetittiva u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' Suq Uniku ġenwin għall-attivitajiet fl-ispazju;
	(d) it-tisħiħ tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet kollha tal-ispazju ekstratmosferiku;

(e) il-promozzjoni tar-rwol tal-Unjoni bħala attur globali fis-settur spazjali;

(f) it-tisħiħ tal-kompetittività u r-rispons tal-industrija Ewropea tas-sigurtà ċivili;

2. Dawn il-linji ġenerali jistgħu jinkludu azzjonijiet relatati ma':

(a) il-valutazzjoni tal-valorizzazzjoni u taċ-ċiklu tal-ħajja tal-flussi tal-materjali u l-prodotti bl-użu ta' materja prima alternattiva, il-kontroll tar-riżorsi, it-traċċar u s-separazzjoni tal-materjali (inklużi metodi ta' ttestjar validati u għodod għall-valutazzjoni tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent);

(b) il-provvista u s-sostituzzjoni sostenibbli tal-materja prima, inkluża materja prima kritika, li jkopru l-katina tal-valur kollha;

(c) industrija tar-riċiklaġġ effettiva, li timmassimizza l-potenzjal u s-sikurezza tal-materjali sekondarji u li timminimizza t-tniġġis (ċikli tal-materjali mhux tossiċi), it-tnaqqis tal-kwalità u t-tnaqqis fil-kwantità wara t-trattament;

(d) il-programmi spazjali Ewropej ewlenin, inklużi EGNOS, Galileo, Copernicus, GOVSATCOM, IRIS2 u Sorveljanza u Insegwiment fl-Ispazju (EU SST, Space Surveillance and Tracking);

(e) livelli ta' tħejjija teknoloġika akbar fis-satelliti u l-lanċaturi; is-segmenti fl-ispazju u fuq l-art assoċjati, u l-faċilitajiet ta' produzzjoni u ttestjar f'komplementarjetà mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA, Eoropean Space Agency);

(f) l-iżgurar tat-tmexxija u l-awtonomija teknoloġika tal-Unjoni, is-sostenibbiltà mtejba tal-katina ta' provvista, b'kundizzjonijiet kosteffettivi u affordabbli, id-dipendenza mnaqqsa fuq teknoloġiji ta' spazju kritiku mhux tal-Unjoni u għarfien imtejjeb dwar kif it-teknoloġiji tal-ispazju jistgħu joffru soluzzjonijiet għal setturi industrijali oħra u viċi versa;

(g) kunċetti għal segmenti fuq l-art għal-lanċaturi futuri u l-adattament tal-infrastrutturi eżistenti fuq l-art (bħad-diġitalizzazzjoni u l-ġestjoni avvanzata tad-data) kif ukoll servizzi u kunċetti innovattivi għat-trasportazzjoni fl-ispazju, inklużi sistemi ta' lanċaturi ddedikati għas-satelliti ħfief (bħal mikrolanċaturi), f'komplementarjetà mal-ESA;

(h) l-isfruttament ta' data xjentifika mwassla permezz ta' missjonijiet xjentifiċi u ta' esplorazzjoni, ikkombinat mal-iżvilupp ta' strumenti innovattivi f'ambjent internazzjonali u interdixxiplinari;

(i) l-interoperabbiltà ta' tagħmir u proċeduri biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni operazzjonali transfruntiera, intergovernattiva u bejn l-aġenziji u suq tal-Unjoni integrat għas-sigurtà, għall-preparatezza u għar-rispons għal diżastri, inklużi attivitajiet biex jiġu appoġġati l-integrazzjoni u l-interoperabbiltà tas-sistemi u tas-servizzi, inklużi aspetti bħall-komunikazzjoni, l-arkitetturi distribwiti u l-fatturi umani;

(j) it-teknoloġiji, il-kapaċitajiet u l-governanza għall-persuni tal-ewwel rispons f'operazzjonijiet ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, ta' diżastri u ta' wara d-diżastri u fl-ewwel fażi ta' rkupru;

(k) it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' prospettiva, il-prevenzjoni, il-preparatezza u r-rispons għal riskji eżistenti u ġodda u effetti domino, il-valutazzjoni tal-impatt u l-fehim aħjar tal-fattur uman fil-ġestjoni tar-riskji u fl-istrateġiji tal-komunikazzjoni tar-riskju;

(l) approċċi u teknoloġiji innovattivi għall-prattikanti tas-sigurtà (bħall-korpi tal-pulizija, is-servizzi tat-tifi tan-nar, is-servizzi mediċi, il-gwardji tal-fruntieri u tal-kosta, l-uffiċċji doganali);

(m) analiżi tal-fenomeni tal-kriminalità transfruntiera, metodi avvanzati ta' kondiviżjoni u ġbir tad-data li jkunu

rapidi, affidabbli, standardizzati u bi privatezza msaħħa, kif ukoll tal-aħjar prattiki;

(n) id-dimensjonijiet umani u soċjoekonomiċi tal-kriminalità u tar-radikalizzazzjoni vjolenti;

(o) titjib fil-kapaċitajiet ta' prospettiva u ta' analiżi għat-tfassil tal-politika u fil-livell strateġiku dwar it-theddid għas-sigurtà;

(p) il-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi kif ukoll tal-ispazji miftuħa u pubbliċi minn theddid fiżiku, diġitali u ibridu;

(q) is-sejbien ta' attivitajiet frawdolenti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera u tul il-katina tal-provvista, inklużi l-identifikazzjoni ta' dokumenti ffalsifikati jew manipulati mod ieħor u s-sejbien ta' traffikar ta' bnedmin u ta' kuntrabandu;

(r) l-iżgurar tal-protezzjoni ta' data personali fl-attivitajiet ta' infurzar tal-liġi, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, inklużi l-kunfidenzjalità u l-integrità tal-informazzjoni u t-traċċabbiltà u l-ipproċessar tat-tranżazzjonijiet kollha;

(s) l-iżvilupp ta' tekniki għall-identifikazzjoni ta' prodotti ffalsifikati, għat-tisħiħ tal-protezzjoni ta' parts u oġġetti oriġinali u għall-kontroll ta' prodotti ttrasportati.

Or. en

Emenda 470
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11e

Tieqa tal-Isfidi tas-Soċjetà Globali

1. Attivitajiet skont it-Tieqa msemmija fl-Artikolu 4(1)b(ii) tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jappoġġaw ir-riċerka kollaborattiva fil-linji ġenerali li ġejjin:

(a) attivitajiet tar-R&I skont il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;

(b) it-trawwim tal-protezzjoni, tat-tisħiħ u tal-promozzjoni tad-demokrazija, inkluż l-appoġġ għall-iżvilupp ta' pjattaformi pan-Ewropej biex jagħmlu disponibbli aħbarijiet u informazzjoni f'ħin reali minn mezzi tal-media professjonali għal udjenzi usa' madwar l-UE;

(c) il-ġbir tad-data u l-iżvilupp tal-għarfien dwar żviluppi tas-soċjetà;

(d) l-appoġġ għall-manutenzjoni tal-wirt kulturali u l-aċċess għalih, b'mod partikolari permezz tal-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati;

2. Dawn il-linji ġenerali jistgħu jinkludu azzjonijiet relatati ma':

(a) it-tiġdid tal-ambjent mibni tal-Ewropa abbażi tal-valuri tas-sostenibbiltà, tal-estetika u tal-inklużjoni - inkluż l-appoġġ għall-Akkademja tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus);

(b) strateġiji biex jiġu indirizzati l-populiżmu, ir-razziżmu, il-polarizzazzjoni, il-korruzzjoni, l-estremiżmu, ir-radikalizzazzjoni, it-terroriżmu u biex iċ-ċittadini jiġu inklużi, jingħataw is-setgħa u jiġu involuti;

(c) l-impatt tal-avvanzi teknoloġiċi u xjentifiċi, inklużi l-iżvilupp tas-soċjetà tad-data granulari, in-networks soċjali online u l-IA fuq id-demokrazija, il-privatezza u l-libertà tal-espressjoni;

(d) il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, il-Manipulazzjoni tal-Informazzjoni u Interferenza minn Barranin (FIMI, Foreign Information Manipulation and Interference), l-aħbarijiet foloz u d-

diskors ta' mibegħda, u l-impatt tagħhom fit-tiswir fl-isfera pubblika;

(e) l-Unjoni bħala attur internazzjonali u reġjonali fil-governanza multilaterali, inklużi approċċi ġodda għad-diplomazija dwar ix-xjenza;

(f) l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew tax-Xjenzi Soċjali biex titnaqqas il-frammentazzjoni tal-isforzi tar-riċerkaturi madwar l-Ewropa u biex jiġi permess ġbir tad-data longitudinali fuq skala kbira fuq l-iżviluppi tas-soċjetà, l-impatt tal-politika u l-ekonomija;

(g) għodod tal-istatistika u ekonomiċi oħra għal fehim aħjar tat-tkabbir u l-innovazzjoni f'kuntest ta' gwadanji ta' produttività kajmani jew bidliet ekonomiċi strutturali;

(h) l-indirizzar ta' sfidi ewlenin fir-rigward tal-mudelli Ewropej għall-koeżjoni soċjali, l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni, it-tibdil demografiku, it-tixjiħ, id-diżabbiltà, l-edukazzjoni, il-faqar u l-esklużjoni soċjali;

(i) strateġiji avvanzati u metodi innovattivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma soċjali, ekonomiċi u kulturali kollha, u biex jindirizzaw preġudizzji fir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

(j) sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ biex titrawwem it-trasformazzjoni diġitali tal-Unjoni u jsir l-aħjar użu minnha, u biex jiġu ġestiti r-riskji li jirriżultaw mill-interkonnettività globali u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi, speċjalment riskji online emerġenti, it-tħassib etiku, inugwaljanzi soċjoekonomiċi u bidliet radikali fis-swieq;

(k) studji u xjenzi tal-wirt kulturali, b'teknoloġiji mill-aktar avvanzati u metodoloġiji innovattivi, inklużi dawk diġitali;

(l) il-konnessjoni tal-wirt kulturali ma' setturi kreattivi emerġenti, inkluża l-

media interattiva, u l-innovazzjoni soċjali;

3. Skont din it-Tieqa mill-inqas EUR 300 miljun għandhom ikunu disponibbli għall-Cloud Kollaborattiv Ewropew għall-Wirt Kulturali.

Or. en

Emenda 471
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11f
	Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni
	1. Il-programm Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni msemmi fl-Artikolu 15c tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandu jappoġġa l-attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva minn isfel għal fuq orjentati lejn ir-riċerka applikata.
	2. Attivitajiet skont ir-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' Azzjonijiet ta' Riċerka u Innovazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa].
	3. Il-kriterji tal-evalwazzjoni għal proposti sottomessi skont ir-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni għandhom ikunu l-eċċellenza, l-impatt u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni.
	4. Il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għal kull azzjoni għandha tkun ta' EUR 2 000 000. Id-durata massima tal-azzjonijiet għandha tkun ta' sentejn.
	5. Ir-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni għandha tiġi implimentata permezz ta' sejħa għal proposti kontinwament miftuħa b'mill-inqas erba' dati limitu fis-

sena. L-intervall bejn żewġ dati limitu konsekuttivi ma għandux jaqbeż l-4 xhur.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-applikanti bir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-proposti tagħhom fi żmien 10 ġimgħat mid-data limitu rilevanti.

7. L-evalwazzjoni tal-proposti għandha titwettaq minn bordijiet tal-evalwazzjoni magħmula minn esperti esterni. L-istruttura tematika tal-bordijiet tal-evalwazzjoni fil-prinċipju għandha tkun ibbażata fuq il-linji ġenerali tat-Twieqi tal-Kompetittività u t-Tieqa tal-Isfidi tas-Soċjetà Globali. Il-Kummissjoni tista' tibdel dik l-istruttura biex tiżgura li l-proposti kollha huma evalwati kif xieraq.

8. It-Timijiet ta' Esperti msemmija fl-Artikolu 15b tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandhom iqisu l-proġetti ffinanzjati skont ir-Rotta Rapida lejn l-Innovazzjoni meta jimmaniġġjaw u jiżviluppaw il-portafoll tagħhom ta' proġetti ffinanzjati.

Or. en

Emenda 472
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 11g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 11g
	Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni
	1. Il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni għandu jappoġġa d-dimostrazzjoni ta' prototipi teknoloġiċi f'ambjent ta' dinja reali fuq skala pan-Ewropea.
	2. Attivitajiet skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni għandhom jiġu

implimentati permezz ta' Azzjonijiet ta' Innovazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa].

3. Konsorzji skont dan il-programm għandhom jikkonsistu minn tal-inqas tliet entitajiet ġuridiċi indipendenti stabbiliti f'mill-inqas tliet Stati Membri differenti.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika mill-inqas żewġ sejħiet minn isfel għal fuq fis-sena skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni. L-intervall bejn żewġ sejħiet konsekuttivi ma għandux jaqbeż is-7 xhur.

5. Minbarra s-sejħiet minn isfel għal fuq imsemmija fil-paragrafu 4, jistgħu jiġu proposti sejħiet tematiċi għal proposti skont dan l-istrument mit-timijiet ta' esperti msemmija fl-Artikolu 15b tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa]. il-baġit għal dawn is-sejħiet tematiċi jirriżultaw mill-baġit disponibbli għat-tim ta' esperti. Tali sejħiet tematiċi jistgħu jistabbilixxu eliġibbiltà addizzjonali jew kundizzjonijiet ta' għotja relatati mal-prijorità tematika speċifika.

6. Il-kriterji tal-evalwazzjoni għal proposti sottomessi skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni għandhom ikunu l-eċċellenza, l-impatt u l-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni. Fil-valutazzjoni tal-impatt tal-proposti, l-evalwazzjoni għandha tagħti piż partikolari għal:

(a) it-tħejjija teknoloġika u l-iskalabbiltà tad-dimostrazzjoni proposta;

(b) id-dimensjoni pan-Ewropea tad-dimostrazzjoni proposta, inkluża l-kopertura ġeografika tagħha u l-involviment tal-utenti finali jew l-awtoritajiet regolatorji fi Stati Membri multipli;

(c) il-kredibbiltà tal-perkors lejn il-varar tas-suq jew l-adozzjoni wara d-dimostrazzjoni.

7. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-azzjonijiet iffinanzjati skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni għandu jirrifletti l-iskala u l-ambizzjoni tad-dimostrazzjoni. Il-kontribuzzjoni minima tal-Unjoni għal kull azzjoni għandha tkun ta' EUR 10 000 000.

8. Azzjonijiet iffinanzjati skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni għandhom jinkludu pjan ta' dimostrazzjoni li jistabbilixxi stadji importanti għall-validazzjoni tal-prototip, għall-ittestjar fid-dinja reali u l-valutazzjoni tal-iskalabbiltà. Il-ftehim dwar l-għotja għandu jipprevedi rieżamijiet stage-gate kontra dawn l-istadji importanti.

9. Matul l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni, il-konsorzju għandu jaċċessa, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, jekk l-istabbiliment ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja huwiex fattibbli u xieraq fid-dawl tat-teknoloġija li qiegħda tiġi tintwera. Fejn jiġi determinat li ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja ikun jaċċellera l-adozzjoni mis-suq tat-teknoloġija billi jiffaċilita l-apprendiment, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jistabbilixxu tali ambjent ta' esperimentazzjoni għal mill-inqas id-durata tal-azzjoni. Ir-riżultati u l-għarfien regolatorju ġġenerati permezz ta' kwalunkwe tali ambjent ta' esperimentazzjoni għandhom ikunu magħmula disponibbli għall-awtoritajiet tal-Unjoni u nazzjonali rilevanti bil-għan li jinfurmaw l-iżvilupp jew l-adattament tal-qafas regolatorju applikabbli.

10. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni bejn azzjonijiet iffinanzjati skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni u l-azzjonijiet ta' varar rilevanti skont ir-[Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività

	(FEK)]. Għal din il-fini, it-Timijiet ta' esperti msemmija fl-Artikolu [l-Artikolu dwar it-timijiet ta' esperti] għandhom jidentifikaw, bħala parti mill-attivitajiet ta' ġestjoni tal-portafoll tagħhom, azzjonijiet lesti jew għaddejjin skont il-Programm Ewropew ta' Dimostrazzjoni li jistgħu jkunu adattati għal appoġġ għall-varar ulterjuri skont ir-Regolament XXX [ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].

Or. en

Emenda 473
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni	***Il-Kunsill*** Ewropew tal-Innovazzjoni

Or. en

Emenda 474
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (Bord tal-EIC) għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar:***	1. ***L-EIC għandu jidentifika, jiżviluppa u jespandi t-teknoloġija profonda u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja mir-riċerka għall-espansjoni.***

Or. en

Emenda 475
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC fil-Parti III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċċaqlaq għall-Programm Qafas

Emenda 476
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC fil-Parti III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;	(a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC fil-Parti III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ***u l-prijoritajiet għar-reżiljenza tal-enerġija, id-diġitalizzazzjoni u l-iżvilupp tal-industriji strateġiċi Ewropej***;

Or. ro

Emenda 477
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC ***fil-Parti*** III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;	(a) l-istrateġija ġenerali għall-komponent tal-EIC ***fil-Pilastru*** III "Innovazzjoni" ta' Orizzont Ewropa, filwaqt li tqis il-komplementarjetajiet ***ma' programmi tal-Unjoni oħra bħall-Fond*** Ewropew għall-Kompetittività;

Or. en

Emenda 478
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC, inkluż il-kriterji għall-valutazzjoni tal-proposti u l-bilanċ xieraq bejn it-tipi differenti ta' appoġġ ta' finanzjament;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċċaqlaq għall-Programm Qafas

Emenda 479
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC, inkluż il-kriterji għall-valutazzjoni tal-proposti u l-bilanċ xieraq bejn it-tipi differenti ta' appoġġ ta' finanzjament;	(b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC, inkluż il-kriterji għall-valutazzjoni tal-proposti u l-bilanċ xieraq bejn it-tipi differenti ta' appoġġ ta' finanzjament***, kif ukoll l-appoġġ għal proġetti b'impatt fuq***

ir-reżiljenza tal-enerġija u l-kompetittività industrijali;

Or. ro

Emenda 480
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-identifikazzjoni ta' xejriet teknoloġiċi emerġenti mill-portafolli tal-EIC u l-portafolli strateġiċi tal-proġetti;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċċaqlaq għall-Programm Qafas

Emenda 481
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-identifikazzjoni ta' xejriet teknoloġiċi emerġenti mill-portafolli tal-EIC u l-portafolli strateġiċi tal-proġetti;	(c) l-identifikazzjoni ta' xejriet teknoloġiċi emerġenti mill-portafolli tal-EIC u l-portafolli strateġiċi tal-proġetti***, f'komplementarjetà u sinerġija mal-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija, il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni u l-Osservatorju tat-Teknoloġija Emerġenti skont il-FEK***;

Or. en

Emenda 482
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-profil tal-Maniġers tal-Programm tal-EIC;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċċaqlaq għall-Programm Qafas

Emenda 483
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-profil tal-Maniġers tal-Programm tal-EIC;	(d) il-profil tal-Maniġers tal-Programm tal-EIC ***u l-kriterji tal-għażla għat-timijiet tal-ġestjoni, biex jiġu żgurati l-eċċellenza, l-effiċjenza u d-diversità***;

Or. ro

Emenda 484
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-profil*** tal-Maniġers tal-Programm ***tal-EIC***;	(d) ***il-portafoll*** tal-Maniġers tal-Programm ***imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament Orizzont Ewropa***;

Or. en

Emenda 485
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) koordinazzjoni mal-Bord Konsultattiv dwar il-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, l-Istrumenti Finanzjarji u l-Operazzjonijiet ta' Taħlit stabbiliti skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività.	***imħassar***

Or. en

Emenda 486
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) koordinazzjoni mal-Bord Konsultattiv dwar il-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, l-Istrumenti Finanzjarji u l-Operazzjonijiet ta' Taħlit stabbiliti skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività.	***imħassar***

Or. en

Emenda 487
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) (f) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-azzjonijiet tal-EIC, inkluż billi jiġu identifikati indikaturi tal-prestazzjoni u mekkaniżmi għall-aġġustament ta' strateġiji innovattivi;
	(g) il-promozzjoni tal-kollaborazzjoni ma' programmi oħra tal-UE, ekosistemi industrijali u tar-riċerka, u sħab internazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida ta' teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi fl-Ewropa;
	(h) il-promozzjoni tal-inklużjoni, id-diversità u l-bilanċ bejn il-ġeneri, kif ukoll l-integrazzjoni tar-riċerkaturi u l-innovaturi żgħażagħ fil-proġetti tal-EIC, l-aċċess pubbliku għall-innovazzjonijiet iffinanzjati mill-EIC; (j) l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet minn Stati Membri b'livelli aktar baxxi ta' parteċipazzjoni, sabiex tiġi żgurata distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata aħjar tal-benefiċjarji tal-innovazzjoni; (k) l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali u lokali, inkluż permezz ta' kollaborazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi u l-atturi ekonomiċi rilevanti.

Or. ro

Emenda 488
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Bord tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni għandu debitament jinforma lill-Parlament Ewropew bl-attivitajiet, l-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu maħruġa skont dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 489
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar***:	2. ***Il-Maniġers tal-Programm għandhom jinħatru mill-Kummissjoni permezz ta' proċedura ta' għażla miftuħa, trasparenti u bbażata fuq il-mertu bbażata fuq il-profil stabbilit mill-Bord tal-EIC skont l-Artikolu 16a(1)d tar-[Regolament Orizzont Ewropa]. Dawn għandu jkollhom l-għarfien espert xjentifiku jew tekniku u l-ġudizzju intraprenditorjali meħtieġ biex jivvalutaw il-potenzjal ta' innovazzjonijiet trasformattivi u jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar id-direzzjoni tal-portafolli tagħhom. Il-Maniġers tal-Programm għandhom ikunu persuni b'rekord ippruvat f'waħda jew aktar mill-oqsma li ġejjin***:

Or. en

Emenda 490
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, jindirizza rakkomandazzjonijiet ***lill-Kummissjoni*** dwar:	2. Il-Bord tal-EIC jista', meta jintalab mill-Kummissjoni, ***mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew,*** jindirizza rakkomandazzjonijiet dwar:

Or. en

Emenda 491
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Pilar del Castillo Vera, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***materji li minn perspettiva tal-innovazzjoni jistgħu jtejbu u jrawmu ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Unjoni, il-kisbiet u l-impatt tal-objettivi tal-EIC u l-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi li joħorġu bis-soluzzjonijiet tagħhom***;	(a) ***innovazzjoni tat-teknoloġija profonda***;

Or. en

Emenda 492
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Pilar del Castillo Vera, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u entitajiet rilevanti oħra, ta' ostakli regolatorji possibbli li jiffaċċjaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ mill-EIC***;	(b) ***żvilupp teknoloġiku***;

Or. en

Emenda 493
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u entitajiet rilevanti oħra, ta' ostakli ***regolatorji*** possibbli li jiffaċċjaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ mill-EIC;	(b) l-identifikazzjoni, b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali u entitajiet rilevanti oħra, ta' ostakli possibbli li jiffaċċjaw l-intraprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ mill-EIC;

Or. en

Emenda 494
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***programmazzjoni f'partijiet oħra tal-Programm Speċifiku.***	(c) ***bini tar-riskju;***

Or. en

Emenda 495
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-trasferiment tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 496
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-ġestjoni ta' portafolli ta' riċerka ta' riskju għoli.

Or. en

Emenda 497
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Radan Kanev, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-Bord tal-EIC*** għandu ***jaġixxi bl-interess li jintlaħqu l-objettivi tal-EIC.*** Għandu ***jaġixxi b'integrità u bl-onestà, u jwettaq ħidmitu b'mod effiċjenti u trasparenti***.	3. ***Kull Maniġer tal-Programm*** għandu ***jkun responsabbli għad-disinn, għall-iżvilupp u għas-sorveljanza ta' Sfida tal-EIC waħda jew aktar kif imsemmi fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa]. Fit-twettiq ta' din ir-responsabbiltà, il-Maniġers tal-Programm*** għandu ***jkollhom l-awtonomija biex imexxu l-proġetti u l-portafoll ġenerali fl-Isfidi tagħhom, inkluża l-awtorità li jipproponu l-għażla, ir-riorjentazzjoni, l-aċċellerazzjoni jew il-waqfien ta' azzjonijiet individwali abbażi tal-valutazzjoni tagħhom tal-potenzjal xjentifiku, teknoloġiku u tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istruttura tal-implimentazzjoni ddedikata msemmija fl-Artikolu 16b tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] tipprovdi lill-Maniġers tal-Programm l-appoġġ operazzjonali u l-aċċess għad-data meħtieġa għall-eżerċizzju effettiv tal-funzjonijiet tagħhom, Għall-implimentazzjoni ta' Sfida t-tliet strumenti ta' finanzjament tal-EIC kollha, kif stabbilit fil-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 498
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) Il-Parlament Ewropew għandu jiġi debitament infurmat b'tali talbiet u bir-rakkomandazzjonijiet maħruġa bi tweġiba għalihom.

Or. en

Emenda 499
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, li jintgħażlu minn partijiet differenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti fl-innovazzjoni, riċerkaturi innovattivi, u esperti fit-trasferiment tat-teknoloġija. Il-Bord tal-EIC għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tixrid tal-għarfien, u l-membri tiegħu għandhom jaħdmu biex itejbu l-prestiġju ta' ismu.	4. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, li jintgħażlu minn partijiet differenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti fl-innovazzjoni, riċerkaturi innovattivi, u esperti fit-trasferiment tat-teknoloġija. Il-Bord tal-EIC għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tixrid tal-għarfien, u l-membri tiegħu għandhom jaħdmu biex itejbu l-prestiġju ta' ismu. ***Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jintgħażlu abbażi ta' rilevanza xjentifika murija, prestazzjoni industrijali, rikonoxximent mill-pari u għarfien espert ippruvat. Dawn għandhom jiżguraw indipendenza sħiħa u n-nuqqas ta' kunflitti ta' interess,***

kif ukoll bilanċ ġeografiku xieraq madwar l-Istati Membri. L-għażla għandha tqis ukoll id-diversità tal-industriji, is-setturi u l-esperjenza sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja, imparzjali u infurmat tajjeb. Il-membri għandhom jinħatru f'konformità ma' proċedura miftuħa u trasparenti, inklużi:

(a) nominazzjonijiet proposti minn awtoritajiet ministerjali kompetenti tal-Istati Membri;

(b) nominazzjonijiet proposti permezz ta' proċess strutturat minn industriji rilevanti;

(c) awtonominazzjonijiet sottomessi bi tweġiba għal sejħa miftuħa u kompetittiva għall-kandidati;

Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jaġixxu f'konformità ma' prinċipji bbażati fuq is-suq u l-aħjar prattiki tal-industrija, filwaqt li jiżguraw teħid ta' deċiżjonijiet tajba, valutazzjoni tar-riskju prudenti u allinjament ma' kundizzjonijiet tas-suq prevalenti, konsistenti mal-Prinċipju tal-Operatur f'Ekonomija tas-Suq.

Or. en

Emenda 500
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord tal-EIC ***għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, li jintgħażlu minn partijiet differenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti fl-innovazzjoni, riċerkaturi innovattivi, u esperti fit-***	4. ***Il-Maniġers tal-Programm għandhom jibagħtu proposta għal sejħa bbażata fuq Sfida lill-Kummissjoni, lill-Bord tal-EIC u lill-Kumitat tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha tadotta s-sejħa bbażata fuq Sfida. Ħlief għal eżenzjonijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha tadotta s-sejħa***

trasferiment tat-teknoloġija. Il-Bord tal-EIC ***għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tixrid tal-għarfien, u l-membri tiegħu għandhom jaħdmu biex itejbu l-prestiġju ta' ismu***.

mingħajr bidla fit-test. Meta l-Kummissjoni jkun beħsiebha tibdel it-test, hija għandha tibgħat it-test mibdul lill-Kumitat tal-Programm u lill-Bord tal-EIC. It-test mibdul għandu jiġi diskuss f'Kumitat tal-Programm li għalih għandhom jiġu mistiedna l-Maniġer tal-Programm rilevanti kif ukoll il-Bord tal-EIC***. Matul il-laqgħa tal-Kumitat tal-Programm, il-Maniġer tal-Programm għandu jispjega r-raġunament wara s-sejħa tal-Isfida. Il-Kummissjoni għandha tispjega r-raġunament għall-bidliet proposti u kemm il-Maniġer tal-Programm kif ukoll*** il-Bord tal-EIC ***għandhom jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-bidliet proposti***.

Or. en

Emenda 501
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, li jintgħażlu minn partijiet differenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti fl-innovazzjoni, ***riċerkaturi innovattivi,*** u esperti ***fit-trasferiment tat-teknoloġija***. Il-Bord tal-EIC għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tixrid tal-għarfien, u l-membri tiegħu għandhom jaħdmu biex itejbu l-prestiġju ta' ismu.	4. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu indipendenti ta' livell għoli, li jintgħażlu minn partijiet differenti tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż intraprendituri, mexxejja korporattivi, investituri, esperti ***u riċerkaturi*** fl-innovazzjoni, u esperti ***fil-valorizzazzjoni tal-għarfien***. Il-Bord tal-EIC għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' tixrid tal-għarfien, u l-membri tiegħu għandhom jaħdmu biex itejbu l-prestiġju ta' ismu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-profili tal-membri tal-Bord tal-EIC jeħtieġ li jkunu speċifikati. Il-kunċett ta' "riċerkaturi innovattivi" huwa qarrieqi, għaliex jista' jiġi interpretat li jfisser li xi riċerkaturi mhumiex innovattivi, filwaqt li kull riċerka hi innovattiva. Ukoll, huwa essenzjali li l-EIC jibqa' miftuħ għal ambitu kbir ta' riċerkaturi sabiex ikun kemm jista' jkun komprensiv f'termini ta' innovazzjoni. Barra minn hekk, nissuġġerixxu li dan l-artikolu jiġi allinjat mal-fokus il-ġdid fil-politika tar-R&I tal-UE dwar il-valorizzazzjoni tal-għarfien, li tinkludi t-trasferiment tat-teknoloġija u ħafna attivitajiet oħra li jistgħu jirriżultaw fil-ġenerazzjoni ta' impatti minn eżiti tar-riċerka.

Emenda 502
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-membri tal-Bord*** tal-EIC ***għandha taħtarhom il-Kummissjoni, wara*** sejħa miftuħa ***għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika***.	5. ***Il-Pathfinder*** tal-EIC ***se jipprovdi għotjiet għal proġetti b'riskju għoli u b'teknoloġiji mill-aktar avvanzati li jesploraw oqsma ġodda u ta' teknoloġija profonda bil-għan li jiżviluppaw teknoloġiji innovattivi potenzjalment radikali tal-futur u opportunitajiet ta' swieq ġodda. L-objettiv ġenerali tal-Pathfinder se jkun li jrawwem innovazzjoni potenzjali ta' ħolqien tas-suq mill-ideat trasformattivi. Għal dik il-fini, il-Pathfinder se jappoġġa l-aktar stadji bikrija tar-R&Ż xjentifiċi u teknoloġiċi, inkluża l-evidenza tal-kunċett u l-prototipi għall-validazzjoni teknoloġika. Sabiex ikun kompletament miftuħ għal esplorazzjonijiet estensivi, opportunitajiet ta' serendipità u ideat, kunċetti u skoperti mhux mistennija, il-Pathfinder se jiġi implimentat primarjament permezz ta'*** sejħa miftuħa ***kontinwa u kompetittiva b'dati limitu għal proposti minn isfel għal fuq. Għandu jappoġġa proġetti kollaborattivi jew, eċċezzjonalment f'każijiet debitament ġustifikati, proġetti monobeneficjarji***.

Or. en

Emenda 503
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha taħtarhom il-Kummissjoni, wara ***sejħa*** miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.	5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha taħtarhom il-Kummissjoni, wara ***proċedura*** miftuħa ***u trasparenti bbażata fuq sejħa*** għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, ***inklużi:***
	(a) nominazzjonijiet proposti minn awtoritajiet ministerjali kompetenti tal-Istati Membri;
	(b) nominazzjonijiet proposti permezz ta' proċess strutturat minn industriji rilevanti;
	(c) awtonominazzjonijiet sottomessi bi tweġiba għal sejħa miftuħa u kompetittiva għall-kandidati;
	u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.

Or. en

Emenda 504
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha taħtarhom il-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta'	5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u filwaqt li

bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età ***u d-distribuzzjoni*** ġeografika.	titqies il-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età***, id-distribuzzjoni ġeografika u r-rappreżentazzjoni tal-partijiet differenti tas-sistema tal-innovazzjoni***. ***Il-proċess tal-għażla għandu jitwettaq bi trasparenza shiha.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet kollha tal-ekosistema tal-innovazzjoni, inklużi universitajiet u negozji, għandhom ikunu rappreżentati kif xieraq u jkollhom l-opportunità li jikkontribwixxu għall-ħidma tal-Bord tal-EIC b'mod bilanċjat.

Emenda 505
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha taħtarhom il-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.	5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jinħatru mill-Kummissjoni ***fuq bażi ta' rotazzjoni***, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.

Or. en

Emenda 506
Eszter Lakos, Radan Kanev, Mirosława Nykiel, Krzysztof Hetman, Borys Budka, Adam Jarubas, Davor Ivo Stier, Dimitris Tsiodras, Paulius Saudargas, Inese Vaidere, Christian Ehler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha	5. Il-membri tal-Bord tal-EIC għandha

taħtarhom il-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.

taħtarhom il-Kummissjoni, wara sejħa miftuħa għan-nomini jew espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, il-ġeneru, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika ***varjata***.

Or. en

Emenda 507
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal sentejn, u jista' jiġġedded darbtejn***.	6. ***L-attivitajiet ta' Transizzjoni tal-EIC għandhom jappoġġaw lill-benefiċjarji tal-Programm, u primarjament lill-benefiċjarji tal-Pathfinder tal-EIC, biex jiżviluppaw il-perkors għall-iżvilupp kummerċjali, bħall-attivitajiet ta' dimostrazzjoni u l-istudji tal-fattibbiltà biex jivvalutaw l-argumenti għall-vijabbiltà potenzjali, u jappoġġaw il-ħolqien ta' spin-offs u ta' negozji ġodda. Dawn l-attivitajiet ta' Transizzjoni jistgħu jikkonsistu wkoll minn għotjiet komplementari sabiex iżidu ma' u jwessgħu l-ambitu ta' azzjonijiet preċedenti u dawk għaddejjin, sabiex jinġiebu sħab ġodda, sabiex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni fi ħdan il-portafoll u sabiex tiġi żviluppata l-komunità multidixxiplinari tiegħu.***

Or. en

Emenda 508
Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal ***sentejn***, u jista' jiġġedded ***darbtejn***.	6. Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal ***4*** snin, u jista' jiġġedded ***darba għal 4 snin addizzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-kumplessità tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-UE, il-membri tal-Bord tal-EIC jirrikjedu wkoll mandat itwal biex jikkontribwixxu b'mod effettiv għad-direzzjoni strateġika tal-EIC u jiżguraw kontinwità fil-governanza. L-estensjoni tal-mandat tagħhom issaħħaħ il-kapaċità tal-Bord għal ippjanar fit-tul u tallinja l-mandat ma' dak tal-President tal-Bord tal-EIC u l-President tal-ERC u l-membri tal-Kunsill Xjentifiku, filwaqt li tiżgura koerenza fl-istrutturi tat-tmexxija kollha tal-Programm.

Emenda 509
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal ***sentejn***, u jista' jiġġedded ***darbtejn***.	6. Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal ***4*** snin, u jista' jiġġedded ***darba***.

Or. en

Emenda 510
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'għarfien tajjeb fl-iżvilupp ***tal-innovazzojnijiet*** mir-riċerka sas-suq u l-	7. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'għarfien tajjeb fl-iżvilupp ***tal-innovazzjonijiet*** mir-riċerka sas-suq u l-espansjoni. ***Il-Parlament Ewropew***

espansjoni.	***għandu jiġi infurmat debitament bil-ħatriet proposti u għandu jingħata l-opportunità li jesprimi l-fehmiet tiegħu, inkluż permezz tal-organizzazzjoni ta' seduti pubbliċi, inklużi seduti konġunti, qabel il-ħatra finali tagħhom, segwiti minn vot ta' konferma mill-kumitat kompetenti.***

Or. en

Emenda 511
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Il-Bord*** tal-EIC ***għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'għarfien tajjeb fl-iżvilupp tal-innovazzojnijiet mir-riċerka sas-suq u l-espansjoni***.	7. ***L-Aċċelleratur*** tal-EIC ***se jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-SMEs inklużi negozji ġodda u, f'każijiet eċċezzjonali, lil kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja li jkollhom l-ambizzjoni li jiżviluppaw u jvaraw fis-swieq tal-Unjoni u dawk internazzjonali l-innovazzjonijiet trasformattivi tagħhom u li jespandu b'mod rapidu***. ***L-Aċċelleratur tal-EIC għandu jipprovdi prinċipalment appoġġ f'forma ta' finanzjament imħallat tal-EIC, kif ukoll l-ewwel għotja u appoġġ ta' ekwità biss. L-appoġġ ta' ekwità għandu jiġi implimentat mill-Fond tal-EIC stabbilit skont l-Artikolu 16c tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa].***

Or. en

Emenda 512
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'għarfien tajjeb ***fl-iżvilupp tal-innovazzojnijiet*** mir-riċerka sas-suq ***u l-espansjoni***.	7. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni, b'għarfien tajjeb ***fl-għarfien espert fuq spettru sħiħ, li jkopri l-vjaġġ*** mir-riċerka ***fil-fruntieri sal-iżvilupp u l-espansjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi*** sas-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex ikun kapaċi jimmassimizza l-impatt tar-riżultati tar-riċerka, il-Bord tal-EIC jeħtieġlu jisfrutta l-għarfien espert tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tal-konsorzju sħaħ. L-EIC se jipprovdi l-aktar appoġġ xieraq, jekk jikkomplementa l-appoġġ għar-riċerka u jindirizza l-ħtiġijiet tar-riċerkaturi li huma lesti li jiżviluppaw ulterjorment l-ideat tagħhom.

Emenda 513
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal sentejn, u jista' jiġġedded darba sa mhux aktar minn sentejn.	8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal sentejn, u jista' jiġġedded darba sa mhux aktar minn sentejn. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati fl-istadji kollha tal-proċess tal-ħatra. Il-Parlament Ewropew għandu jingħata l-opportunità biex jorganizza seduti pubbliċi, inklużi seduti konġunti, qabel il-ħatra, segwiti minn vot ta' konferma mill-kumitat kompetenti, u għandu jkun involut fi djalogu strutturat regolari minn hemm 'il quddiem. Il-Kunsill għandu jingħata l-opportunità jesprimi l-fehmiet tiegħu***

matul il-proċess.

Or. en

Emenda 514
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord*** tal-EIC ***għandu jkun limitat għal sentejn, u jista' jiġġedded darba sa mhux aktar minn sentejn***.	8. ***Biex jiġu appoġġati ulterjorment il-benefiċjarji*** tal-EIC ***jistgħu jiġu pprovduti Servizzi tal-Aċċelleratur tan-Negozju tal-EIC biex jikkomplementaw il-finanzjament tal-EIC billi jipprovdu aċċess, f'komplementarjetà u koordinazzjoni mal-Konsulenza tal-Proġetti msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament XXX [ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], għall-għarfien espert tat-teknoloġija profonda, l-ikkowċjar u l-mentoraġġ, it-tqabbil mal-investituri, l-akkwirenti, il-korporattivi u sħab oħra tal-innovazzjoni***.

Or. en

Emenda 515
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal ***sentejn***, u	8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal ***4 snin***, u

jista' jiġġedded darba ***sa mhux aktar minn sentejn***.	jista' jiġġedded darba.

Or. en

Emenda 516
Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal ***sentejn***, u jista' jiġġedded darba sa mhux aktar minn ***sentejn***.	8. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jkollu l-istatus ta' konsulent speċjali indipendenti u għandha taħtru l-Kummissjoni wara proċess trasparenti tar-reklutaġġ. Il-mandat tal-President tal-Bord tal-EIC għandu jkun limitat għal ***4 snin***, u jista' jiġġedded darba sa mhux aktar minn ***4 snin***.

Or. en

Emenda 517
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. ***Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jippresiedi l-Bord tal-EIC, jipprepara l-laqgħat tiegħu, jassenja l-kompiti lill-membri u jista' jistabbilixxi sottogruppi dedikati. Il-President tal-Bord tal-EIC għandu jirrappreżenta l-fehmiet tal-Bord tal-EIC fid-dinja*** tal-innovazzjoni ***u jaġixxi bħala interlokutur mal-Kummissjoni***.	9. ***Sabiex jiġi aċċellerat l-iżvilupp ta' swieq ewlenin fl-oqsma*** tal-innovazzjoni ***trasformattiva u li toħloq is-suq, l-EIC jista' jipprovdi inċentivi għall-akkwirenti biex jittestjaw u jipprovdu l-ewwel klijenti għal innovazzjonijiet ta' teknoloġija profonda u rivoluzzjonarji***. ***Dawn l-inċentivi għandhom ikunu komplementari mal-appoġġ tal-Unjoni offrut skont l-Artikolu 33 tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għall-akkwist prekummerċjali u l-akkwist***

pubbliku ta' soluzzjonijiet innovattivi.

Or. en

Emenda 518
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta tal-Bord tal-EIC li jindirizza, b'mod partikolari, l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ksur tal-kunfidenzjalità. Malli jinħatru, il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jesprimu l-qbil tagħhom li jimxu f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta***.	10. ***L-Aċċelleratur tal-EIC għandu jkollu fokus partikolari fuq l-appoġġ ta' intraprendituri nisa, u b'mod partikolari fondaturi u CEOs nisa. Għal dan il-għan, il-Fond tal-EIC għandu jistabbilixxi kompartiment dedikat għall-investiment f'negozji ġodda mmexxija min-nisa, li għandu jkun ġestit minn maniġer tal-fondi dedikat b'fokus speċifiku fuq il-promozzjoni tal-intraprenditorija femminili***.

Or. en

Emenda 519
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta tal-Bord tal-EIC li jindirizza, b'mod partikolari, l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ksur tal-kunfidenzjalità. Malli jinħatru, il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jesprimu l-qbil tagħhom li jimxu f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta.	10. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta tal-Bord tal-EIC li jindirizza, b'mod partikolari, l-evitar tal-kunflitti ta' interess u l-ksur tal-kunfidenzjalità. Malli jinħatru, il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jesprimu l-qbil tagħhom li se jimxu f'konformità mal-kodiċi ta' kondotta ***u jagħmlu d-dikjarazzjonijiet tagħhom disponibbli għall-pubbliku***.

Or. en

Emenda 520
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat debitament fl-istadji differenti tal-elaborazzjoni tal-kodiċi ta' kondotta u għandu jingħata l-opportunità li jieħu sehem fit-tħejjija tiegħu u li jesprimi l-fehmiet tiegħu dwaru qabel l-applikazzjoni tiegħu, u li jivvaluta l-konformità tal-membri tul il-mandat tagħhom.

Or. en

Emenda 521
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi appoġġ amministrattiv lill-Bord tal-EIC u lill-President tal-Bord tal-EIC.	***imħassar***

Or. en

Emenda 522
René Repasi

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 12a
	Struttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC
	1. L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC. Din għandha, b'mod partikolari, timplimenta l-proċeduri ta' evalwazzjoni, inklużi intervisti mal-ġurija, u l-proċess tal-għażla f'konformità mal-istrateġija stabbilita mill-Bord tal-EIC u għandha tiżgura l-ġestjoni finanzjarja u tal-innovazzjoni tal-għotjiet. Il-Fond tal-EIC stabbilit fir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa] għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-appoġġ għall-investiment tal-EIC.
	L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC għandha tappoġġa lill-Bord tal-EIC fit-twettiq tal-kompiti kollha tiegħu kif stabbilit fl-Artikolu 12 inkluż l-iżvilupp tal-istrateġija ġenerali għall-EIC, il-monitoraġġ tiegħu tal-operazzjonijiet u r-rieżami u l-valutazzjoni tiegħu tal-kisbiet tal-EIC kif ukoll l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u komunikazzjoni tiegħu. L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC għandha tipprovdi wkoll aċċess għad-dokumenti meħtieġa u għad-data fil-pussess tagħha u żżomm lill-Bord tal-EIC infurmat dwar l-attivitajiet tagħha.
	Sabiex jiġi żgurat kollegament effettiv mal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC dwar kwistjonijiet ta' strateġija u operazzjonali, il-President u l-Viċi Presidenti tal-EIC għandu jkollhom laqgħat ta' koordinazzjoni regolari mad-Direttur tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC.
	2. L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC għandha timpjega lill-Maniġers tal-Programm tal-EIC u

tappoġġahom fit-twettiq tal-kompiti tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 12(9b).

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC issegwi b'mod effiċjenti u bil-flessibbiltà meħtieġa l-objettivi u r-rekwiżiti tal-EIC biss. Sabiex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha kif stabbiliti fl-Artikolu 12 u f'dan l-Artikolu, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tagħha stess għall-eżekuzzjoni tal-baġit, il-Kummissjoni għandha:

(a) tiżgura l-kontinwità u t-tiġdid tal-Bord tal-EIC u tipprovdi appoġġ għal Kumitat ta' Identifikazzjoni permanenti għall-identifikazzjoni ta' membri futuri tal-Bord tal-EIC;

(b) tiżgura l-kontinwità tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC u d-delegar tal-kompiti u r-responsabbiltajiet lilha, abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-EIC;

(c) tiżgura li l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC twettaq il-firxa sħiħa tal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha;

(d) taħtar id-Direttur u l-membri tal-maniġment tal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC, wara proċedura tal-għażla trasparenti u mhux diskriminatorja maqbula mad-deċiżjonijiet tal-Bord tal-EIC;

(e) tiżgura l-adozzjoni f'waqtha tal-programm ta' ħidma tal-EIC, il-pożizzjonijiet fir-rigward tal-metodoloġija ta' implimentazzjoni u r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa inklużi r-regoli tal-EIC għas-sottomissjoni u l-mudell tal-ftehim ta' għotja tal-EIC, filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tal-Bord tal-EIC;

(f) timmonitorja l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata tal-EIC u tevalwa l-prestazzjoni tagħha.

4. L-istruttura ta' implimentazzjoni

dedikata tal-EIC għandha tiżgura li l-appoġġ għal attivitajiet tal-innovazzjoni b'applikazzjonijiet b'użu doppju potenzjali jibqa' limitat għall-Aċċelleratur tal-EIC u jiġi provdut biss fejn tali attivitajiet huma mfassla primarjament għal użu ċivili u jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Programm.

Tali azzjonijiet għandhom jiġu mfassla, magħżula u implimentati f'konformità mal-proċeduri ta' evalwazzjoni bbażata fuq l-eċċellenza tal-EIC. Appoġġ għal tali azzjonijiet għandu jsegwi approċċ proporzjonat, filwaqt li jqis in-natura tal-attività u l-livell potenzjali tagħha ta' rilevanza għad-difiża, u għandu jippreżerva l-fokus ċivili tal-Programm.

Fejn l-objettivi, l-applikazzjonijiet mistennija jew ir-riżultati ta' azzjoni jindikaw li ma għadhiex imfassla primarjament għal użu ċivili, jew fejn l-attività tirrikjedi żvilupp, varar jew espansjoni ulterjuri f'kuntest ta' difiża, din għandha tiġi diretta lejn strumenti tal-Unjoni oħra, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività.

Minbarra l-kriterji tal-evalwazzjoni standard applikabbli għall-Aċċeleratur tal-EIC, tali azzjonijiet għandhom, fejn xieraq, jiġu soġġetti għal kondizzjonijiet speċifiċi relatati ma' kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, inklużi l-protezzjoni ta' riżultati sensittivi, il-kondizzjonijiet ta' parteċipazzjoni u salvagwardji rilevanti oħra kif stabbilit fir-Regolament XXX [referenza għar-Regolament Orizzont Ewropa].

Il-Kummissjoni għandha tiżgura komplementarjetà u koerenza ma' programmi u strumenti rilevanti tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 523

András Gyürk

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa:	Il-Programm Speċifiku għandu jappoġġa ***fost l-oħrajn permezz tal-attivitajiet tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, European Institute of Innovation and Technology) u l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tiegħu***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza għall-EIT u l-KKI tiegħu hija essenzjali peress li għandu rwol kruċjali biex irawwem ekosistema tal-innovazzjoni.

Emenda 524
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ;	(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ***, inkluż għall-applikazzjoni mal-ewwel opportunità tas-soluzzjonijiet imfassla u żviluppati minn dawn iċ-ċentri u/jew negozji ġodda u negozji li qed jespandu***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Ir-riċerka għandha rwol x'taqdi biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi f'diversi oqsma, iżda teħtieġ appoġġ fl-identifikazzjoni tal-aktar modi rapidi biex dawn jiġu applikati għall-benefiċċju ta' kulħadd.

Emenda 525
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ;	(a) l-istabbiliment u l-appoġġ ta' ċentri konnessi madwar l-Unjoni, li lill-innovaturi***, lill-SMEs***, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu jagħtuhom aċċess għar-riżorsi, għas-servizzi u għas-sħab, inkluż opportunitajiet ta' investiment, l-ewwel xerrejja tar-R&I u soluzzjonijiet innovattivi, korporattivi, faċilitajiet ta' esperimentazzjoni, infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, talent intraprenditorjali, ikkowċjar u mentoraġġ;

Or. en

Emenda 526
Eszter Lakos, Radan Kanev, Mirosława Nykiel, Krzysztof Hetman, Borys Budka, Adam Jarubas, Davor Ivo Stier, Dimitris Tsiodras, Paulius Saudargas, Inese Vaidere, Christian Ehler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien - l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju madwar l-Unjoni, inklużi l-attivitajiet iffinanzjati

skont ir-Regolament EIT;

Or. en

Emenda 527
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***ogħla***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni;	(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***għolja***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni***, b'mod partikolari permezz ta' sħubijiet robusti li jgħinu lill-Ewropa ssir aktar attraenti għat-talent madwar id-dinja***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-innovazzjoni Ewropea u pan-Ewropea f'oqsma tematiċi ewlenin tista' tgħin biex tappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet u l-iżvilupp tan-negozju f'kull stadju tal-evoluzzjoni tagħhom.

Emenda 528
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jana Nagyová, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini	(b) attivitajiet***, bħal dawk li bħalissa huma mwettqa mill-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-***

tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***ogħla***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni;	***Teknoloġija,*** għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***għolja***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 529
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***ogħla***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni;	(b) attivitajiet għall-iżvilupp ta' ekosistemi pan-Ewropej tal-innovazzjoni f'oqsma tematiċi ewlenin, l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħiliet fl-innovazzjoni u l-bini tar-riskju fi stadju bikri, it-trawwim tal-integrazzjoni tat-trijangolu tal-għarfien – l-edukazzjoni ***għolja***, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju – madwar l-Unjoni***, inkluż billi jiġu appoġġati l-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni***;

Or. en

Emenda 530
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-	(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-

swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;	swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira***, u li jkunu interkonnessi ma' ċentri konnessi u ekosistemi tal-innovazzjoni***;

Or. en

Emenda 531
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;	(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal ***infrastrutturi u faċilitajiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, aċċess għal*** networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;

Or. en

Emenda 532
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda u lin-negozji li qed jespandu, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;	(c) programmi li jappoġġaw lill-SMEs innovattivi, lin-negozji ġodda ***innovattivi*** u lin-negozji li qed jespandu ***innovattivi***, biex jikbru u jaċċessaw is-swieq internazzjonali bi studji dwar il-vijabbiltà tas-suq, għodod tal-innovazzjoni bbażati fuq il-post, riċerka u innovazzjoni kollaborattivi, skambju tat-talenti, mentoraġġ imfassal apposta, aċċess għal networks dinjin tal-investituri, gwida regolatorja, appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lokalizzat, u servizzi ta' "soft-landing" fil-pajjiżi fil-mira;

Or. en

Emenda 533
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni, u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni.	(d) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività inkluż studji, valutazzjoni komparattiva, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni***, kif ukoll azzjonijiet biex jinxterdu r-riżultati tar-riċerka, tissaħħaħ ir-rabta bejn ix-xjenza u s-soċjetà, jitħeġġeġ l-involviment pubbliku u tiżdied il-fiduċja fix-xjenza, bl-għan li jittieħed vantaġġ mir-riżultati għall-benefiċċju tal-ekonomija u tas-soċjetà kollha kemm hi***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li jinxterdu r-riżultati tar-riċerka u tissaħħaħ ir-rabta bejn ix-xjenza u s-soċjetà u tiżdied il-fiduċja fix-xjenza, sabiex dawk ir-riżultati jiġu sfruttati b'mod effettiv għall-benefiċċju tal-ekonomija u tas-soċjetà kollha kemm hi.

Emenda 534
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni, u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni.	(d) azzjonijiet oħra li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ekosistemi tal-innovazzjoni u l-konnettività, inkluż studji, valutazzjonijiet komparattivi, tagħlim reċiproku bejn l-atturi tal-innovazzjoni, u koordinazzjoni tal-politiki tal-innovazzjoni***, inklużi Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti***.

Or. en

Emenda 535
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) azzjonijiet li għandhom l-għan li jsaħħu l-ħiliet intraprenditorjali tar-riċerkaturi u tat-timijiet ta' riċerka, u li joħolqu kondizzjonijiet favorevoli għall-kapital ta' riskju, l-investituri informali u l-investituri istituzzjonali biex jinvolvu ruħhom ma' atturi tar-riċerka u l-innovazzjoni, sabiex jiġi sfruttat l-investiment privat u b'mod progressiv jiżdied is-sehem ta' finanzjament privat fiċ-ċiklu kollu tal-innovazzjoni, mir-

riċerka fundamentali sar-riċerka applikata u l-iżvilupp tal-prodott.

Or. en

Emenda 536
Christian Ehler, Hélder Sousa Silva

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 13 - paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet taħt il-punt (b) tal-ewwel paragrafu, il-Programm għandu jiddependi fuq Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) stabbiliti skont ir-Regolament dwar l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija. Il-Programm għandu jipprovdi lill-KKI b'finanzjament bażi biex jibnu u jżommu l-ekosistema.

Or. en

Emenda 537
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Biex jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), il-Programm Speċifiku għandu jassisti lill-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa[9], billi jappoġġa azzjonijiet allinjati mal-objettivi taż-ŻER u l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta, u billi jippromwovi r-rispett tal-valuri u l-prinċipji taż-ŻER, kif stabbiliti fil-Patt.	Biex jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), il-Programm Speċifiku għandu jassisti lill-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi stabbiliti fil-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa[9], billi jappoġġa azzjonijiet allinjati mal-objettivi taż-ŻER u l-oqsma ta' prijorità għal azzjoni konġunta, u billi jippromwovi r-rispett tal-valuri u l-prinċipji taż-ŻER, kif stabbiliti fil-Patt. ***Biex jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, inkluż***

permezz ta' networks u sħubijiet tranżnazzjonali, sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni u jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Biex iħeġġeġ l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-istituzzjonijiet akkademiċi, iċ-ċentri ta' riċerka, l-intrapriżi u s-soċjetà ċivili sabiex tingħata spinta lill-impatt tal-politiki taż-ŻER u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn Ewropa kompetittiva u reżiljenti.

Biex jimmonitorja l-progress u r-riżultati tal-azzjonijiet appoġġati sabiex jiġu żgurati r-rilevanza, l-effiċjenza u l-adattabbiltà tagħhom għall-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi fis-soċjetà.

[9] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

[9] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj.

Or. ro

Emenda 538
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew kapaċitajiet kritiċi ***ġodda*** ta' livell dinji;	(a) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi tar-riċerka, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew ***jew jiġu aġġornati bil-kbir*** kapaċitajiet kritiċi ta' livell dinji;

Or. en

Emenda 571
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jana Nagyová, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***it-tisħiħ*** tal-aċċess ***transnazzjonali*** għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ***ġodda*** ta' utenti emerġenti;	(b) ***il-prijoritizzazzjoni*** tal-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka ***għall-Istati Membri tal-Unjoni, filwaqt li jitħalla aċċess transfruntier jew internazzjoni fejn dan iwassal redditu xjentifiku, teknoloġiku jew ekonomiku li jista' jitkejjel għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka,*** fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ta' utenti ***ġodda u*** emerġenti;

Or. en

Emenda 572
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-aċċess ***transnazzjonali***	(b) it-tisħiħ tal-aċċess ***tranżnazzjonali***

għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti;

għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti***, kif ukoll it-taħriġ ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u adattabbli li kapaċi tirrispondi għall-isfidi globali u l-ħtiġijiet ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-Ewropa jitolbu

forza tax-xogħol b'ħiliet għolja u adattabbli li kapaċi tilqa' dawk l-isfidi u tissodisfa l-ħtiġijiet ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien.

Emenda 573
Krzysztof Hetman

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-aċċess ***transnazzjonali*** għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti;	(b) it-tisħiħ tal-aċċess ***tranżnazzjonali*** għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti***, li jmorru lil hinn minn utenti tar-riċerka primarji, inkluż is-settur privat mal-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu***;

Or. en

Emenda 574
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Bart Groothuis, Christophe Grudler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tal-aċċess ***transnazzjonali***	(b) ***(a)*** it-tisħiħ tal-aċċess

għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti;	***tranżnazzjonali*** għall-infrastrutturi tar-riċerka fl-oqsma u s-setturi kollha, u l-adattament għal komunitajiet ġodda ta' utenti emerġenti***, inklużi utenti tal-industrija, permezz ta' implimentazzjoni flessibbli u simplifikata***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

P10, Programm Speċifiku, l-Artikolu 2.2(f) jistabbilixxi bħala objettiv biex "jgħaqqad u jiżviluppa l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija madwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) kollha u jipprovdi aċċess tranżnazzjonali." Filwaqt li favur il-prinċipju tal-aċċess tranżnazzjonali, l-implimentazzjoni attwali hija wisq inflessibbli u ta' piż. Għalhekk huwa suġġerit li tiżdied: "permezz ta' implimentazzjoni flessibbli u simplifikata".

Emenda 575
Eszter Lakos, Radan Kanev, Mirosława Nykiel, Krzysztof Hetman, Borys Budka, Adam Jarubas, Davor Ivo Stier, Dimitris Tsiodras, Paulius Saudargas, Inese Vaidere, Christian Ehler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 - paragrafu 2 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) it-tisħiħ ta' kollaborazzjonijiet bejn infrastruttura tar-riċerka tematika madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 576
Krzysztof Hetman

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) infrastrutturi tar-riċerka aktar reżiljenti u sostenibbli, li jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi;	(c) infrastrutturi tar-riċerka aktar reżiljenti u sostenibbli, li jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi ***b'rispett għas-sigurtà, is-sigurtà tar-riċerka u l-***

objettivi tas-sovranità teknoloġika;

Or. en

Emenda 577
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jana Nagyová, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***infrastrutturi*** tar-riċerka ***aktar reżiljenti u sostenibbli***, li jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi;	(c) ***it-tisħiħ tal-operabbiltà u tar-rilevanza teknoloġika fit-tul tal-infrastrutturi*** tar-riċerka, li jimxu paripassu mal-avvanzi teknoloġiċi rapidi;

Or. en

Emenda 578
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli***,*** riużabbli (FAIR) ***u*** li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa;	(d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli ***u*** riużabbli (FAIR)***,*** li tista' titħaddem minn magna, ***filwaqt li jiġi żgurat li tali data tibqa' aċċessibbli bħala ben pubbliku u ma tiġix soġġetta għal approprjazzjoni kummerċjali esklużiva,*** inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 579

Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa;	(d) ***il-promozzjoni tas-sovranità tad-data u*** l-iżvilupp ***ulterjuri*** ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa***, kif ukoll it-trawwim ta' sinerġiji ma' spazji tad-data Ewropej speċifiċi għas-settur***;

Or. en

Emenda 580
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa;	(d) l-iżvilupp ta' network b'data tar-riċerka traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli, riużabbli (FAIR) u li tista' titħaddem minn magna, inkluż bit-twessigħ u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju tad-data tar-riċerka tal-Ewropa ***u ż-żamma tal-ħżin fit-tul tad-data tar-riċerka***;

Or. en

Emenda 581
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías, Barbara Bonte

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ir-rinfurzar tal-politika dwar l-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej u l-kooperazzjoni internazzjonali.	(e) ir-rinfurzar tal-politika dwar l-infrastrutturi tar-riċerka Ewropej u l-kooperazzjoni internazzjonali***, fejn tikkontribwixxi għat-tmexxija xjentifika, l-awtonomija strateġika u r-redditu fuq l-investiment pubbliku tal-Ewropa***.

Or. en

Emenda 582
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Bart Groothuis, Christophe Grudler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) f) il-komplementarjetà bejn RIs/TIs nazzjonali/tranżnazzjonali;
	g) it-titjib tal-aċċess, inkluż permezz ta' mekkaniżmi ta' aċċess ġodda (virtwali, sekondarji, tar-raggruppamenti), u aċċess għal miżuri ta' appoġġ - taħriġ, appoġġ tekniku espert, servizzi tad-data;
	h) l-operazzjonalizzazzjoni;
	i) l-eċċellenza.

Or. en

Emenda 583
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 16 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-appoġġ għal infrastrutturi

rilevanti għax-Xjenzi Soċjali, l-Istudji Umanistiċi u r-riċerka kulturali.

Or. en

Emenda 584
Eero Heinäluoma

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.	1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi ***għall-partijiet ikkonċernati bħall-kumpaniji*** innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu***, filwaqt li jappoġġa r-riċerka prekummerċjali u l-komponenti tal-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp, l-ittestjar u l-pilotaġġ ta' teknoloġiji ġodda***.

Or. en

Emenda 585
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.	1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu ***filwaqt li jiżgura li l-aċċess huwa pprovdut ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika, l-universitajiet u l-entitajiet mingħajr skop***

ta' qligħ.

Or. en

Emenda 586
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.	1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu***, kif ukoll jikkontribwixxi sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' klassi dinjija***.

Or. en

Emenda 587
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, András Gyürk, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm Speċifiku għandu ***jtejjeb il-kapaċitajiet*** tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.	1. Il-Programm Speċifiku għandu ***jappoġġa l-iżvilupp, il-kostruzzjoni, l-aġġornament bil-kbir u l-integrazzjoni tal-kapaċitajiet*** tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.

Or. en

Emenda 588
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu.	1. Il-Programm Speċifiku għandu jtejjeb il-kapaċitajiet tal-infrastruttura tat-teknoloġija fl-Unjoni u jiffaċilita l-aċċess għas-servizzi integrati ta' dan it-tip ta' infrastrutturi għall-kumpaniji innovattivi, inkluż għan-negozji ġodda ***innovattivi*** u n-negozji li qed jespandu ***innovattivi***.

Or. en

Emenda 589
Anna Zalewska, Ondřej Krutílek

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-iżvilupp ***ta' kapaċitajiet ta' infrastruttura*** tat-teknoloġija ***ġdida***;	L-iżvilupp***, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni ta' infrastrutturi*** tat-teknoloġija ***reżiljenti u sostenibbli, b'enfasi partikolari fuq l-iżgurar li l-infrastrutturi eżistenti tar-riċerka u t-teknoloġija jiġu modernizzati u miżmuma regolarment fl-ogħla livell tekniku***

Or. pl

Emenda 590
Eero Heinäluoma

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' infrastruttura tat-teknoloġija ***ġdida***;	l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' infrastruttura tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 591
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Christophe Grudler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***it-titjib fil-viżibbiltà u l-adozzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura*** tat-teknoloġija;	(a) ***l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi*** tat-teknoloġija***, inkluża l-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew jew jiġu aġġornati bil-kbir kapaċitajiet kritiċi ta' livell dinji***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dispożizzjoni simili għall-infrastrutturi tar-riċerka hija nieqsa taħt l-infrastrutturi tat-teknoloġija. Għalhekk hija meħtieġa dispożizzjoni ġdida biex tiddikjara li 20 % appoġġ tal-CAPEX huwa applikabbli wkoll għall-infrastrutturi tat-teknoloġija. Tali appoġġ jista' jikkontribwixxi bil-kbir għall-kwistjoni tal-espansjoni tal-Ewropa.

Emenda 592
Krzysztof Hetman

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) it-titjib fil-viżibbiltà u l-adozzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura tat-teknoloġija;	(a) it-titjib fil-viżibbiltà u l-adozzjoni tas-servizzi tal-infrastruttura tat-teknoloġija ***madwar l-Unjoni fir-rigward tas-sigurtà, is-sigurtà tar-riċerka u l-objettivi tas-***

sovranità teknoloġika;

Or. en

Emenda 593
Eero Heinäluoma

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-iżvilupp, il-konsolidazzjoni u s-simplifikazzjoni tax-xenarju tal-Unjoni tal-infrastrutturi tat-teknoloġija, inkluża l-koordinazzjoni bejn il-kapaċitajiet tal-Unjoni u dawk nazzjonali u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet biex jinbnew jew jiġu aġġornati bil-kbir kapaċitajiet kritiċi ta' livell dinji;

Or. en

Emenda 594
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-iżgurar li l-infrastrutturi tat-teknoloġija jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà, il-valur pubbliku u l-iżvilupp sostenibbli.

Or. en

Emenda 595
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***programm ta'*** aċċess għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu għall-infrastrutturi tat-teknoloġija madwar l-Unjoni;	(b) aċċess għall-SMEs, in-negozji ġodda u n-negozji li qed jespandu***, kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka pubblika, l-universitajiet u l-atturi tal-ekonomija soċjali,*** għall-infrastrutturi tat-teknoloġija madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 596
Jens Gieseke

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika.	(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika ***u l-kontribuzzjoni sa 20 % tal-kostijiet tal-bini ta' kapaċitajiet kritiċi ġodda ta' klassi dinjija tal-infrastrutturi tat-teknoloġija, inklużi faċilitajiet ġodda għal teknoloġiji profondi emerġenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Article 18 of Horizon Europe calls for a strong, coherent ecosystem of world-class research and technology infrastructures. However, this is not fully reflected in the Specific Programme: Article 16 includes a 20% capital expenditure provision for research infrastructures, while Article 17 lacks an equivalent for technology infrastructures. To ensure equal treatment and legal clarity, the 20% CapEx rule should also be explicitly included in Article 17. This is essential, as industrial competitiveness depends on access to facilities for testing, validation and scale-up. Technology infrastructures provide the critical capabilities, data and services needed to drive innovation, industrial leadership and new value chains.

Emenda 597
Anna Zalewska, Ondřej Krutílek

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika.	(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika***, filwaqt li tinżamm il-komplementarjetà mal-infrastruttura tar-riċerka u l-ekosistemi tal-innovazzjoni industrijali***.

Or. pl

Emenda 598
Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Eszter Lakos, Angelika Niebler, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika.	(d) it-tisħiħ tal-politika Ewropea dwar l-infrastruttura teknoloġika***, li għandu jippromwovi u jaċċellera l-investimenti f'dawk l-infrastrutturi***.

Or. en

Emenda 599
Katri Kulmuni, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Christophe Grudler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-infrastruttura tat-teknoloġija għandhom jiġu identifikati u maqbula b'mod konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex jiġi appoġġat l-allinjament tal-UE u l-prijoritajiet nazzjonali fi proċess miftuħ, trasparenti u kompetittiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom jiżdiedu dispożizzjonijiet addizzjonali fir-rigward tal-identifikazzjoni u l-għażla ta' infrastrutturi tat-teknoloġija. Huwa essenzjali li jiġu enfasizzati s-sejħiet u l-proċessi miftuħa u kompetittivi.

Emenda 600
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Isabella Tovaglieri, András Gyürk, Jorge Martín Frías, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-iżvilupp u l-aġġornament ta' infrastrutturi tat-teknoloġija li jibqgħu validi fil-futur tal-aqwa żvilupp tekniku, li kapaċi jippermettu applikazzjonijiet xjentifiċi u teknoloġiċi trasformattivi, inklużi faċilitajiet fuq skala kbira u bi prestazzjoni għolja, pjattaformi u dimostraturi sperimentali avvanzati, bil-għan li jitwessgħu l-fruntieri teknoloġiċi, tiġi aċċellerata l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u l-Ewropa tinżamm fuq quddiem nett tat-tmexxija xjentifika u teknoloġika globali.

Or. en

Emenda 601
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-prevenzjoni tal-approprjazzjoni esklużiva ta' kapaċitajiet tal-infrastruttura ffinanzjati pubblikament minn atturi privati.

Or. en

Emenda 602
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni tal-investimenti fl-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija, filwaqt li jirrikonoxxu li infrastrutturi fuq skala kbira, inklużi infrastrutturi diġitali, jinkludu kostijiet li ma jistgħux jiġġarrbu minn Stati Membri individwali waħedhom, u għandhom jappoġġaw il-ħidma tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Infrastrutturi tat-Teknoloġija fl-iżvilupp ta' approċċ Ewropew koerenti. Inizjattivi ewlenin ibbażati fuq l-infrastruttura għandhom jintgħażlu u jiġu rregolati permezz ta' proċessi ta' prospettiva strateġika trasparenti u mmexxija mill-esperti li jiżguraw li l-investimenti jappoġġaw il-kompetittività. l-eċċellenza xjentifika u r-reżiljenza fit-tul tal-Unjoni, filwaqt li jsaħħu s-sinerġiji bejn kapaċitajiet tax-xjenza, tal-infrastrutturi tar-riċerka, tal-infrastrutturi tat-teknoloġija u tal-varar industrijali eċċellenti madwar l-Unjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa pjanijiet direzzjonali tal-infrastruttura Ewropa konkreti bbażati fuq in-nomenklatura tal-proġetti moonshot, inkluż f'oqsma bħall-*** ***(a) enerġija mill-fużjoni, inklużi reatturi u impjanti pilota sperimentali fuq skala kbira, faċilitajiet tal-ittestjar tal-materjali avvanzati, tnissil tat-tritju u infrastrutturi taċ-ċiklu tal-fjuwil, ċentri ta' simulazzjoni ta' prestazzjoni għolja u dimostraturi tal-integrazzjoni tal-grilja;***

(b) teknoloġiji kwantistiċi, inkluż linji pilota tal-computing kwantistiku, faċilitajiet tal-fabbrikazzjoni krijoġenika, faċilitajiet għall-ittestjar tal-komunikazzjoni kwantistika, infrastrutturi tar-rilevament distribwit, networks kwantistiċi siguri u ċentri tal-manifattura bi kmamar iġjeniċi speċjalizzati;

(c) avjazzjoni nadifa, inkluż faċilitajiet tal-ittestjar b'mina tar-riħ u tal-propulsjoni għal inġenji tal-ajru tal-idroġeny jew elettriċi, linji pilota tal-manifattura komposta avvanzata, pjattaformi ta' simulazzjoni ta' tewmin diġitali, faċilitajiet għall-ittestjar tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru awtomatizzati u infrastrutturi ta' dimostrazzjoni tal-fjuwil sostenibbli;

(d) intelliġenza artifiċjali u s-sovranità tad-data, inkluż gigafabbriki tal-IA, infrastrutturi tad-data federata sigura, pjattaformi fdati tal-cloud u tal-edge computing, faċilitajiet tal-ittestjar sperimentali fuq skala kbira u faċilitajiet ta' parametraġġ referenzjarju għal applikazzjonijiet ta' impatt għoli;

(e) esplorazzjoni tal-ispazju u tal-qamar, inkluż siti tal-ittestjar tal-lanċaturi riużabbli, ċentri loġistiċi tal-ispazju Ewropej integrati, pjattaformi tal-esplorazzjoni robotika, faċilitajiet ta' simulazzjoni tal-wiċċ tal-qamar, teleskopji bbażati fuq l-ispazju u infrastrutturi għal servizz ta' manutenzjoni fl-orbita u użu tar-riżorsi spazjali;

(f) osservazzjoni tal-oċean u tad-Dinja, inkluż kostellazzjonijiet tas-satelliti integrati, osservatorji tal-baħar fond, flotot ta' vetturi taħt l-ilma awtonomi, ċentri ta' supercomputing tal-immudellar tal-klima u infrastrutturi tad-data ambjentali kondiviża;

(g) mediċina tas-saħħa u riġenerattiva, inkluż linji pilota tal-bijomanifattura, networks tal-provi kliniċi avvanzati, bijofunderiji, pjattaformi ġenomiċi u tat-terapija taċ-ċelloli u infrastrutturi tal-

mediċina traslazzjonali. :

Or. en

Emenda 603
Eero Heinäluoma

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-infrastruttura tat-teknoloġija għandhom jiġu identifikati u maqbula b'mod konġunt mill-Unjoni u mill-Istati Membri biex jiġi appoġġat l-allinjament tal-UE u l-prijoritajiet nazzjonali fi proċess miftuħ, trasparenti u kompetittiv.

Or. en

Emenda 604
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Bart Groothuis, Christophe Grudler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 17a
	Il-proċess tal-għażla għall-appoġġ għall-kostruzzjoni jew għall-aġġornament kbir ta' infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija ta' klassi dinjija:
	1. Il-kriterji msemmija fl-Artikolu ...tar-Regolament XXX [ir-Regolament Orizzont Ewropa] għandhom jiġu definiti f'konformità ma' dan li ġej, filwaqt li titqies in-natura komplementari kif ukoll differenti tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;
	(a) evidenza tal-kapaċitajiet ġodda proposti tkun ta' importanza ewlenija u

ta' klassi dinjija, abbażi ta':

(i) valur miżjud tal-UE: allinjat mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jirrikjedi investimenti konġunti sinifikanti mill-Unjoni u mill-Istati Membri minħabba l-iskala u l-ambitu mixtieq u jiġi sfruttat investiment privat meta meħtieġ;

(ii) ħtiġijiet xjentifiċi, teknoloġiċi u/jew industrijali: titjib sinifikanti fl-oqsma rilevanti fil-livell Ewropew u internazzjonali;

(iii) indirizzar ta' diskrepanza fil-kapaċità definiti b'mod ċar: komplementarjetà għal infrastrutturi oħra fil-livell tal-Unjoni, allinjament tal-faċilitajiet u s-servizzi disponibbli mal-ħtiġijiet tal-utent u l-iżgurar ta' koerenza u konsolidazzjoni tal-ekosistema tar-riċerka u tal-innovazzjoni;

(iv) politika u servizzi tal-aċċess provduti: l-għoti ta' aċċess u servizzi effettivi għall-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni;

(b) implimentazzjoni effettiva tal-kapaċitajiet ġodda fir-rigward ta':

(i) governanza u ġestjoni;

(ii) fattibbiltà finanzjarja u impenn;

(iii) fattibbiltà teknika [biex jitwettaq kunċett/disinn], sostenibbiltà u effiċjenza tar-riżorsi, kif ukoll strateġija tad-data. Il-kriterji għandhom jiġu speċifikati ulterjorment fil-programm ta' ħidma.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proċess tal-għażla tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija; għandu jiġi deskritt f'artikolu ġdid.

Emenda 605

Christian Ehler, Wouter Beke, Willemien Koning, Seán Kelly, Davor Ivo Stier, Angelika Niebler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
2. Il-Kumitat jista' jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, skont is-suġġett li jkun se jiġi diskuss:	
— Konfigurazzjoni ġenerali: ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku;	
— L-ERC;	
— L-MSCA;	
— L-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida;	
— L-EIC u l-ekosistemi tal-innovazzjoni;	
— L-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;	
— Ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-eċċellenza.	
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	
5. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-	

kumitat hekk jiddeċiedi jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk.

6. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat tal-Programm Speċifiku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li titqies is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċċaqlaq għall-Programm Qafas

Emenda 606
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu debitament infurmati bl-attivitajiet, bl-opinjonijiet u bl-eżiti ewlenin tal-kumitat, inkluż permezz tat-trażmissjoni ta' aġendi rilevanti, sommarji u rapporti, f'konformità mar-rekwiżiti tal-kunfidenzjalità applikabbli.***

Or. en

Emenda 607
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kumitat ***jista'*** jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, skont is-suġġett li jkun se jiġi diskuss:	2. Il-kumitat ***għandu*** jiltaqa' fil-konfigurazzjonijiet li ġejjin, filwaqt li jitqies is-suġġett li jkun se jiġi diskuss:

Or. en

Emenda 608
Katri Kulmuni, Martin Hojsík, Morten Løkkegaard

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva u ta' innovazzjoni ta' kull tieqa ta' politika kif indikat fir-Regolament (UE) XXX [Orizzont Ewropa]:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda tallinja l-konfigurazzjonijiet tal-kumitat mal-bidliet strutturali introdotti fir-Regolament, li tiżgura li l-qafas ta' governanza jirrifletti l-integrazzjoni tal-FEK u l-erba' twieqi ta' politika tiegħu. L-inklużjoni ta' żieda dedikata għall-attivitajiet tar-riċerka kollaborattiva u tal-innovazzjoni tat-twieqi tal-politika tal-FEK tiżgura konsistenza u koordinazzjoni effettiva fl-implimentazzjoni tal-Programm.

Emenda 609
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Industriji Nodfa, Dekarbonizzati, Ċirkolari u Effiċjenti fir-Riżorsi għas-

Soċjetà;

Or. en

Emenda 610
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Is-Saħħa, l-Ikel, il-Bijoteknoloġija, l-Agrikoltura, l-Ikel u l-Bijoekonomija;

Or. en

Emenda 611
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– it-Tmexxija Diġitali;

Or. en

Emenda 612
Ville Niinistö
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– Soċjetà Reżiljenti, Sikura u Sigura, u Spazju;

Or. en

Emenda 613
Nikos Pappas

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ***l-isfidi soċjetali dinjin, il-Missjonijiet tal-UE, il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida***;	– ***Pilastru II***;

Or. en

Emenda 614
Aura Salla, Wouter Beke, Willemien Koning, Angelika Winzig, Tomas Tobé, Jörgen Warborn, Andrea Wechsler

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
– ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I ***u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-eċċellenza***.	– ir-riforma u t-titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I.

Or. en

Emenda 615
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 2 – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	– L-attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva u tal-innovazzjoni ta' kull waħda mit-twieqi ta' politika;

Or. en

Emenda 616
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Jorge Martín Frías

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat tal-Programm Speċifiku skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li titqies is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha.	6. F'konformità ma' ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, ir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu mistiedna bħala osservaturi fil-laqgħat tal-kumitat tal-Programm Speċifiku***, biss fejn dan huwa meqjus meħtieġ u xieraq,*** skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' proċedura tiegħu, filwaqt li titqies is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha. ***Tali parteċipazzjoni għandha tiġi soġġetta għal rekwiżiti stretti ta' eliġibbiltà, sigurtà u kunfidenzjalità, inklużi salvagwardji kontra d-divulgazzjoni jew it-trasferiment ta' informazzjoni, data, għarfien jew teknoloġiji sensittivi mhux awtorizzat, u għandha tirrispetta bis-sħiħ l-interessi strateġiċi, is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu jiġu eskluż mill-proċedimenti kollha jew parti minnhom fejn is-suġġett jinvolvi informazzjoni sensittiva, strateġika jew rilevanti għas-sigurtà.***

Or. en

Emenda 617
Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Isabella Tovaglieri, Jorge Martín Frías, Silvia Sardone, Raffaele Stancanelli

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Awditu, konformità u ġestjoni finanzjarja tajba
	1. Il-Kummissjoni għandha tiggarantixxi l-eżerċizzju sħiħ tal-mandat tal-awditu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fuq l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas, f'konformità mat-Trattati u r-Regolament Finanzjarju, li jkopri l-forom kollha ta' finanzjament tal-Unjoni, inklużi għotjiet, premji, akkwist, strumenti finanzjarji u finanzjament imħallat.
	2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura livell għoli ta' konformità, ġestjoni finanzjarja tajba, trasparenza, obbligu ta' rendikont u traċċabbiltà tal-infiq skont il-Programm, filwaqt li tqis il-profil tar-riskju speċifiku tal-infiq tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-persistenza tar-rati ta' żball, b'mod partikolari fir-rigward tal-kostijiet tal-persunal u l-użu ta' għażliet tal-kost simplifikati.
	3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti ċari, prevedibbli u proporzjonati għall-benefiċjarji, inkluż dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet, l-obbligi ta' rapportar u d-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' pakketti ta' ħidma, sabiex jitnaqqsu r-rati ta' żbalji u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.
	4. Fejn jintużaw mekkaniżmi ta' finanzjament simplifikati, inkluż finanzjament b'somma f'daqqa, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-eżistenza ta' salvagwardji xierqa biex jiġi pprevenut il-kumpens żejjed, tiġi żgurata l-proporzjonalità bejn l-appoġġ u l-implimentazzjoni reali, u tiġi ggarantita verifika effettiva tar-riżultati u tar-riżultati tanġibbli.
	5. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni ma għandhomx jikkompromettu l-obbligu ta'

rendikont, l-effettività, l-effiċjenza jew l-ekonomija. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe simplifikazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja żżomm kontroll robust u mekkaniżmi ta' awditjar u tippreżerva traċċabbiltà sħiħa tal-finanzjamenti tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li data sħiħa, konsistenti u affidabbli tkun disponibbli għall-istrumenti finanzjarji kollha, inklużi dawk implimentati permezz tal-intermedjarji finanzjarji jew korpi tal-Unjoni, u għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar biex tiġi ggarantita l-kwalità, it-trasparenza u l-aċċessibbiltà tad-data għal finijiet ta' awditjar.

7. Fejn il-benefiċjarji jipprovdu appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi, dawn għandhom jiżguraw li l-obbligi kollha li jirriżultaw mill-ftehim tal-għoti, inklużi r-rekwiżiti tal-awditjar, tar-rapportar u tal-kontroll, jiġu riflessi bis-sħiħ fil-ftehimiet jew ir-regoli applikabbli għal tali partijiet terzi. Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ dispożizzjonijiet kuntrattwali, sistemi ta' monitoraġġ u mekkaniżmi ta' infurzar biex tiżgura aċċess effettiv għall-informazzjoni u għad-drittijiet tal-awditjar għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

8. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe forma ġdida tal-appoġġ finanzjarju li tinvolvi partijiet terzi, inklużi inizjattivi li jiddependu fuq koinvestituri jew intermedjarji privati, hija mfassla u implimentata b'mod li jippreżerva bis-sħiħ id-drittijiet tal-awditjar, jiżgura t-trasparenza u jiggarantixxu ġestjoni finanzjarja tajba.

9. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi qafas għall-evalwazzjoni regolari tal-Programm, ibbażat fuq indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin ċari, li jistgħu jitkejlu u rilevanti, sabiex tiġi vvalutata l-konformità, l-effettività, l-effiċjenza u l-impatt, u biex jiġi appoġġat titjib tal-implimentazzjoni kontinwu.

10. Il-Kummissjoni għandha tiżgura informazzjoni regolari u f'waqtha tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, inklużi:

(a) informazzjoni dwar il-proċedura tal-kumitat, inklużi abbozzi ta' programmi ta' ħidma u programmi ta' ġidma adottati u miżuri ta' implimentazzjoni;

(b) aċċess għad-data tal-implimentazzjoni, inkluż permezz ta' dashboard finanzjarju dedikat li jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar impenji, ħlasijiet, allokazzjoni ta' fondi u indikaturi tal-prestazzjoni;

(c) it-trażmissjoni ta' rapporti regolari, inklużi:

(i) rapporti annwali dwar outputs kwantitattivi u progress tal-implimentazzjoni;

(ii) rapport ta' nofs it-terminu li jipprovdi valutazzjoni inizjali tal-eżekuzzjoni, tal-prestazzjoni u tal-impatt;

(iii) rapport finali li jipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-implimentazzjoni, tar-riżultati u tal-impatt ġenerali tal-Programm.

Or. en

Emenda 618
René Repasi

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Rieżami u evalwazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjonijiet komprensivi u trasparenti li għandhom jirriflettu t-tul tal-perjodu tal-programmi ta' ħidma, u jinkludu mill-

inqas l-evalwazzjonijiet interim u finali, biex tivvaluta l-prestazzjoni, l-adozzjoni, l-effiċjenza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-Programm tal-azzjonijiet iffinanzjati, u l-effettività tal-arranġamenti ta' governanza u l-istrutturi ta' implimentazzjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet u għandha tippreżentahom lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni fil-ħin.

Il-konklużjonijiet ta' dawk l-evalwazzjonijiet għandhom, fejn xieraq, ikunu akkumpanjati minn proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata din id-Deċiżjoni.

3. Fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tiżgura li jitwettaq rieżami indipendenti tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-ERC sal-2030 biex jivvaluta l-fattibbiltà u l-valur miżjud potenzjali tal-istabbiliment tal-ERC bħala korp indipendenti tal-Unjoni previst taħt bażi legali separata.

4. L-evalwazzjonijiet għandhom jinkludu valutazzjoni tal-prestazzjoni u l-valur miżjud tal-Unjoni tal-Pjan Settorjali għax-Xjenzi Soċjali u l-Istudji Umanistiċi, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali msemmija fl-Artikolu 11a. Abbażi ta' dak, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-valur miżjud potenzjali tal-estensjoni ta' dan l-approċċ għal setturi tax-xjenza oħra skont il-Programm.

Or. en